# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 5 0

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3047/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Janika Spiteri (ID.209187M)**

**vs**

**Malta College of Arts, Science and Technology**

**dwar allegati abbuzi, vittimizzazzjoni u agir fastidjuz**

Illum 22 ta' Novembru 2016

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Janika Spiteri pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-17 ta' Lulju 2012. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li ghal diversi ragunijiet dan il-kaz htieglu jghaddi minn taht mhux anqas minn 5 Chairmen: Dr Vanessa Vella, Dr Joseph P. Bonnici, Dr Yana Micallef Stafrace, Dr Martin Fenech u dak prezenti, oltre xhieda li hadet fit-tul, decizjoni preliminari u waqfien pendenti emendi fil-ligi relattiva ghall-impiegi.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-rikorrenti stqarret fir-rikors promotur taghha li hija giet impjegata fuq bazi indefinta, full-time fuq xoghol ta' '*casual substitute clerk*' u dan fit-23 ta' April 2012; xogholha kien fl-ufficju tal-Insitute of Business and Commerce fi hdan

l-MCAST, liema ufficju kien immexxi mid-Direttrici certa Sinjura Pulis, fil-waqt li d-Deputat Direttur kien is-Sur Josef Buttigieg; ir-rikorrenti kienet tirrispondi lis-Sur Josef Buttigieg; tghid li tul iz-zien tal-impieg taghha r-rikorrenti giet assoggettata ghal bosta agir abbusiv li permezz tieghu giet vittimizzata, kif ukoll sofriet agir ta' fastidju da parti tal-istess Joseph Buttigieg fil-konfront taghha li kien jinkludi (1) ghajjat kontinwu da parti tal-istess Joseph Buttigieg mar-rikorrenti, anke fil-prezenza ta' impjegati ohra; (2) allegazzjonijiet kontinwi li kwalunkwe zball li jsir fid-Dipartiment kien tort tar-rikorrenti anke meta jkun tort tal-istess Joseph Buttigeg, kif ukoll tghajjir fis-sens li r-rikorrenti ma taghmilx xogholha sew, u dan kif inghad dejjem quddiem l-impjegati l-ohra; (3) illi f'gurnata minnhom dan Joseph Buttigeg talab cavetta lir-rikorrenti u minhabba li din ic-cavetta ma kinitx tinsab f'postha Joseph Buttigieg qabad jghajjat u sabbat il-bieb, u x'hin instabet ic-cavetta sahansitra waddab cavetta ohra lejn ir-rimorrenti; (4) kien hemm bosta okkazzjonijet fejn Joseph Buttigieg kien johrog ikellem lill-impjegati l-ohra b'mod kalm imbaghad idur fuq ir-rikorenti u jsib kull skuza possibbli biex jaqbad jghajjarha fuq xogholha quddiem l-impjegati l-ohra; (5) kien hemm okkazjonijet fejn ir-rikorrenti kienet tfakkar lil Joseph Buttigieg b''certu xoghol li kien ikun ser jiskadi z-zmien biex isir u minn fuq kien iwahhal fiha u jaqbad jghajjat maghha; (6) kien hemm okkazjoni fejn instabu xi karti neqsin u ghaliex ir-rikorrenti gibdet l-attenzjoni fuq dawn il-karti neqsin Joseph Buttigeg beda jghajjat u jallega li kienet hbiethom hi, u semghet lill-istess Joseph Buttigieg joffendiha bi kliem baxx li mhux ta' min jiktbu. Ir-rikorenti tghid li din il-lista mhix lista ezawrijenti u rrizervat id-dritt li waqt ix-xhieda taghha taghti aktar dettall ta' l-abbuzi, vittimizzazzjoni u agir fastitdjuz. Hija tghid li b'rizultat ta' dan uhud mill-impjegati l-ohra fi hdan l-istess ufficju spiccaw bhal Joseph Buttigieg jitrattawha hazin bhal ma kien jittrattaha hu; hija thoss li l-attitudni ta' Josph Buttigieg fil-konfront taghha kien ghaliex hija mara, ghadha zghira u wkoll ghaliex hija gradwata u kienet qed taghmel xoghol anqas minn dak li kienet kwalifikata ghalih tant li Joseph Buttigieg spiss ukoll kien jghajjarha bil-kwalifiki taghha fosthom li go dak l-ufficju ma kienu jservu ghal xejn; tghid li b'rizultat tal-mod kif kien jittrattaha Joseph Buttigieg hija

spiccat b'dipressjoni tant li kienet tmur lura d-dar tibki u kien ikollha ansjeta' kbira qabel tmur ghax-xoghol. Fil-fatt waslet f'punt fejn hassitha li ma setghetx tkompli aktar b'dak l-abbuz u dak il-hin u fl-istat mentali li kienet iddecidiet li titfa' r-rizenja taghha mix-xoghol; wara li ghaddiet minn dan kollu hija kitbet lill-Principal fejn talbet lill-MCAST jipprovdilha rimedju ghal dak kollu li ghaddiet minnu konsegwenza tal-attitudni ta' Joseph Buttigieg; kien hawn li r-rikorrenti talbet lill-Principal li tirtira l-ittra ta' rizenja taghha ghaliex kienet biss sfurzata mic-cirkustanzi, u dan anke pendenti li ssir investigazzjoni fil-konfront ta' Buttigieg, pero b'ittra tal-10 ta' Lulju 2012 r-rikorrenti giet infurmata li l-MCAST ma kienx ser jiehu passi ulterjuri sabiex jirrimedja ghall-ingustizzja li hija sofriet; tghid li konsegwenza ta' dan hija sabet ruha minghajr impieg fiss. Tghid li l-agir ta' Joseph Buttigieg bhala impjegat tal-MCAST fil-konfront tar-rikorrenti kif ukoll min-nuqqas da parti tal-intimat li jipprovdi soluzzjoni adegwata jikkwalifika bhala vittimizzazzjoni u agir ta' fastidju fil-konfront tar-rikorrenti u huwa bi ksur tal-artikoi 28 u 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Spiteri talbet li dan it-Tribunal jiddikjara li l-intimata agixxiet bi ksur tal-artikoli 28 u 29 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, u biex jaghti dawk l-ordnijiet kollha mehtiega fir-rigward ai termini fost ohrajn tal-artikolu 30 et seq tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz jekk ikun il-kaz li r-rikorrenti tithallas kumpens gust ghal dak li hija sofriet u jekk ikun il-kaz tinghata lura l-impieg taghha. Hija esebiet ittra tar-rizenja taghha datata 13 ta’ Gunju 2012, ittra spjegattiva lill-Professur Maurice Grech, u risposta mill-istess datata 10 ta’ Lulju 2012.

Ir-rikorrenti ghamlet Dikjarazzjoni tal-kaz fejn ikkonfermat u sostniet dak li hija allegat fir-rikors promotur.

Il-Kullegg intimat dahhal Dikjarazzjoni tal-fatti fejn gie ribadit li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghaliex (1) in linea preliminari it-Tribunal Industrijali mhuwiex moghni bil-gurisdizzjoni ghal biex jieedeciedi talba bhal tar-rikorrenti; (2) ir-rikorrenti kienet impjegata permezz ta’ kuntratt datat 19 ta’ April 2012 bhala Casual Substitute Clerk mit-23 ta’ April 2012, u mhux kif iddikjarat minnha fir-rikors

Promwoventi li kienet impjegata fuq bazi indefinita; (3) li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tar-rikorrrenti a ternur tal-Artikolu 28 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tissussisti ghaliex kif iddikjarat hija stess, hija ma gietx vittimizzata ghaliex irrapportat lil xi hadd u , fi kwalunkwe kaz din l-allegazzjoni hija michuda; (4) fil-mertu, dwar l-allegazzjoni a tenur tal-Artikolu 29 tal-Ka 452 tal-Ligijiet ta' Malta, din giet michuda kategorikament; (5) jirrizulta li l-prestazzjoni tar-rikorrenti matul l-impieg taghha bhala Casual Substitute Clerk ma kinitx tal-livell mistenni, la mid-dirigenti kif ukoll l-anqas mill-kollegi taghha. Giet esebita l-Letter of Appointment datata 19 ta' April 2012 ghal perjodu definit u bi probation ta' 6 xhur, u l-kundizzjonijiet tal-impieg kellhom ikun regolati mill-Ftehim Kollettiv ta' bejn l-MCAST u l- UHM. Gew ipprezentati l-Appendici A li tikkonsisti fil-General Rules and Regulations for MCAST employees, il-Position Despription ta' Clerk, ittra mill-Principal u CEO Professur Maurice Grech datata 27 ta' Gunju 2012 li tispjega li gialadarba r-rikorrenti rrizenjat giet ingaggata persuna ohra u "ma jkunx gust li jitwaqqaf dan il-process li skatta mar-rizenja tieghek."

PRELIMINARI

Fis-Seduta tal-15 ta' Jannar 2013 dan it-Tribunal diversament presjedut ta decizjoni parzjali li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, u ordna l-prosegwiment tal-kaz.

IL-PROVI MIGJUBA

Ir-Rikorrenti xhedet li hija giet ingaggata bhala Casual Substitute Clerk taht id-Deputy Director Josef Buttigieg. Kienet tissostitwixxi lil min ikun hareg mill-inmpieg b'mod temporanju; meta l-haddiem proprju jirritora ghax-xoghil hija tkun trid tinghata bicca xoghol ohra. Hafna drabi kienet tigbor u tqassam l-

assignments tal-istudenti. Tghid li Josef Buttigieg mill-bidu kien laqaghha hazin ghaliex l-ewwel haga li qalilha kienet li z-zewg degrees li kienet ottjeniet ma kienu jiswew xejn f'dak l-officju, u jghodd biss dak li jghid hu. Mill-bidu beda jindirizzaha b'mod ahrax; anke jekk jghajtilha juza ton ahrax. Tghid li l-paper-work li inghatat kien gdid ghaliha, u veru minn zmien ghal zmien kienet taghmel xi zbalji, pero` Josef Buttigieg u l-kollegi spiccaw iwahhlu fiha ghal kull zball li jsir, anke meta l-izball ikun kommess minn Josef Buttigieg stess. Issemmi okkazjoni fejn Buttigieg ma setax isib cavetta ta' closet li hi normalment izzomm go kaxxa hdejha; Buttigieg qajjem paniku kbir u beda jghajjat maghha u jsabbat, sakemm f'xi hin induna li c-cavetta kienet f'posta wara kollox. Imbaghad wara li lesta mic-cavetta waddab ic-cavetta lejn il-kaxxa, bis-sogru li jolqot lir-rikorrenti go wiccha. Darba ohra kien ghaddej minn hdejn il-kollegi taghha u ccajta maghhom, imbaghad kif ghadda minn hdejha bidel il-burdata u qabdilha l-mejda b'numru ta' assignments fuqha u hezzizha u staqsiha ghalxiex dawk l-assignments kienu ghadhom hemm. Hija tghid li dawk l-assignment kienu ghadhom kif waslulha u allura kienet ghad trid tipprocessahom.

Ir-rikorrenti tkompli tixhed li Buttigieg kien jagixxi ahrax maghha biss, u mal-ohrajn kien jiccajta; pero' tghid li hi kienet gdida mentri l-ohrajn kienu ilhom jahdmu flimkien. Anzi l-ohrajn bdew jiehdu l-attitudni ta' Buttigieg li bhal kull meta taghmel xi haga ma togghobhomx jaqbzu fuqha. Per ezempju kienet issaqsi xi haga dwar ix-xoghol biex tkun certa li taghmilha tajba, u malli tistaqsi l-ohrajn jaqbzu fuqha bhal li kieku ma messietx staqsiet. Darba kellha problema tiffinalizza account dwar il-pay-slips tal-ghalliema u marret titlob l-ghajnuna ta' Buttigieg, u dan flok ghenha qaghad jghajjarha li mhi kapaci ghal xejn; baqghet tmurlu kuljum biex jghinha dwar din il-haga, u wara numru ta' drabi spicca qalilha li l-ghalliema kienu ser idumu ma jithallsu tort tal-inefficjenza taghha. Din il-biza' ta' kuljum li ser tigi mghajra bdiet toholqilha tensjoni kbira fuq ix-xoghol u spiss kienet tmur id-dar tibki. Buttigieg u l-kollegi Sandra u Matthew spiss kienu jinghalqu fl-officju ta' Buttigieg, u r-rikorrenti kienet tissuspetta li qed "jikkonfoffaw" kontra taghha; tissuspetta li

jekk xi hadd minnhom jaghmel xi zball jiddiskutu kif jirrangawh, mentri jekk tiehu zball hi igibuhielha bi kbira.
F'okkazjoni minn dawn, kellu l-bieb imbexxaq u semghetu jghid lill-kollegi taghha li minn mindu dahlet tahdem hi bdew jintilfu l-affarijiet, u beda jghid kliem vulgari kontra taghha – il-kollegi ghalqulu l-bieb malajr biex ma jkomplix jinstema dak li kien qed jghid. Tghid li hija kienet bdiet tahdem f'April 2012 u f'temp ta' xahrejn ma felhitx iktar, u pprezentat ir-rizenja taghha. Pero' kitbet lill-Principal biex tinfurmah b'dan kollu. Qalulha li ser jinvestigaw, izda finalment intbaghtitilha ittra fejn giet mgharrfa li ma kienu ser jittiehdu passi kontra hadd. Imbaghad f'Dicembru 2012 sabet xoghol ta' ghalliema fejn ghandha paga ahjar.

In kontroezami tghid li meta darba ikkoregiet lil Buttigieg fuq kif tinkiteb kelma, dan ha ghalih, u taha l-impressjoni li kien idejqu l-fatt li hija kienet gradwata b'Masters.

Xhed il-professur Maurice Grech li fiz-zmien kien Principal tal-MCAST. Jghid li meta kien hemm vakanza ghax-xoghol in kwestjoni, baghtu ghal diversi nies pero' r-rikorrenti kienet l-ahjar wahda u ghazlu lilha. Meta rrizenjat dahhlu minn flokha lil dik li kklassifikat warajha. Imbaghad ir-rikorrenti kienet kitbitlu bl-ilmenti taghha, u marret tkellmu flimkien ma' missierha, u hu qalilha li kien lest idahhalha lura, pero' imbaghad huwa sar jaf li diga' kienet dahlet tahdem is-sostituta taghha, u ghalhekk ma kienx ser ikun korrett li jerga' jwaqqaf it-tieni wahda mix-xoghol u jerga' jdahhal lir-rikorrenti. Peress li l-akkuzi li saru kontra Buttigieg kienu serji, twaqqaf Bord investigattiv li suppost ikun jinkludi direttur; pero' peress li Buttieg kien deputy director dan il-Bord kien kompost minnu stess u l-konsulent Joe Izzo. Gew intervistati l-istess Buttigieg, certa Sandra Chircop u certu Matthew Pomroy u individwalment kollha qablu li verament kellhom spiss bzonn jikkoregu x-xoghol ta' Yanika Spiteri. Qablu ukoll li Buttigieg verament f'okkazjoni kienu uza kliem baxx, imma qablu ukoll li dan ma kienx fil-konfront ta' Yanika Spiteri. Il-Bord ma hassx li kellu ghalfejn jiehu l-verzjoni tar-rikorrenti mill-gdid.

Gietipprezentata kopja ta' dan ir-rapport tal-Bord.

Xhed Josef Buttigieg, li fil-frattemp lehaq direttur. Jghid li r-rikorrenti rrimpjazzat haddiem iehor li kien inghata promotion. Mistoqsi dwar l-incident tat-tfiegh tac-cavetta, huwa jghid li assolutament ma jiftakrux. Jghid li huwa kien jippretendi li haddiema gdida tidra x-xoghol il-gdid fi zmien tliet gimghat, partikolarment ir-rikorrenti ghaliex il-persuna li kien hemm qabilha taha hand-over tajba hafna – sa anke ghamel granet jispjegalha x-xoghol. Jghid li qabel gie jixhed qara x-xhieda kollha li kienet inghatat waqt dan il-kaz u cahad li huwa kien jikkoregi lir-rikorrenti bil-mod aggressiv li qalet hi fix-xhieda taghha. Jghid li jista' jkun li gieli telghulu meta kien jara zbalji repetuti da parti tar-rikorrenti, u kien ikun taht pressjoni ta' xoghol, pero dan mhux spiss. Jghid li ghalkemm kien minnu li kien hemm okkazjoni fejn ilmenta mar-rikorrenti li kienet qed izzomm ghandha xi karti li suppost kellha tohroghom, dan ma kienx fl-istess okkazjoni fejn huwa tkellem baxx; f'dik l-okkazjoni kien qed jirreferi ghal persuna ohra li suppost kellha tkun prezenti hemm waqt li kienu ser johorgu l-karti tal-ezamijiet.

Xhed Stephen Cachia, Principal tal-MCAST minn Ottubru 2012, u cioe' wara l-kaz tar-rikorrenti, li ma kienx jafha. Lil Buttigieg jafu bhala direttur hemmhekk, u jghid li qatt ma rceva lmenti kontrih. Jghid li Buttigieg jahdem hafna u jiehu hafna xoghol fuqu meta jista' jiddelegah.

Xhedet Sandra Chircop li qalet li Albert Agius kien ghamel gimghatejn jaghti hand-over lil Yanika Spiteri. Tghid li r-rikorrenti kienet kontinwament titlob l-ghajnuna, anke biex tirrispondi email. Tghid li Buttigieg huwa minnu jitkellem jghajjat ("deep voice"), pero' ma jkunx aggressiv. Meta moqri lilha x'xhedet ir-rikorrenti dwarhom tghid li kienet qed tigdeb. Tghid li kienet tiehu l-impressjoni li Yanika dejjem tahseb li n-nies qed jitkellmu fuqha jew jibbuttjaw ghaliha, meta ma kienx ikun il-kaz. Tghid li dwar l-okkazjoni meta Buttigieg tkellem baxx, huwa kien qed jirreferi ghad-Deputy Director l-ohra li

suppost kellha tohrog xi karti minhabba li kien hemm xi dead-line, izda ma kinitx qeghda hemm u l-karti ma setghux johorgu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan il-kaz jirrigwarda impieg li kellu mieghu perjodu ta' prova ta' sitt xhur. L-impieg gie fi tmiemu meta l-impjegata, ir-rikorrenti, hasset li ma kinitx qed tigi trattata tajjeb u rrizenjat wara ftit gimghat. Mela f'dan il-kaz ma nistghux nikkontemplaw "constructive dismissal" peress li dak ikun jekwivali ghal tkeccija ingusta, u tkeccija ma tistax tigi sanzjonata meta ssehh fil-perjodu tal-prova ("probation").

Ir-rikorrenti tilmenta minn fastidju u minn vittimizzazzjoni da parti tal-kullegg intimat. Ghal dak li jirrigwarda vittimizzazzjoni taht l-artikolu 28 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, dan bl-ebda mod ma jirrizulta stante li ma kien hemm ebda allegata imgieba koordinata intiza li ddejjaq lir-rikorrenti minhabba xi passi li tkun hadet.

Ghal dak li jirrigwarda fastidju taht l-artikolu 29 tal-istess ligi, wiehed jehtieglu janalizza x-xhieda b'aktar profondita`. Mill-provi kollha prodotti, dan it-Tribunal jifhem li Josef Buttigieg, Sandra Chircop u Matthew Pomroy ilhom jaghmlu x-xoghol fl-MCAST snin twal, u allura drawh sew u draw lil xulxin sew. Mentri r-rikorrenti giet hemm gdida bi kwalifika f'livell ta' Masters biex taghmel xoghol ta' skrivana. Jidher li dawn it-tlieta ppretendew hafna mir-rikorrenti. Biz-zejjed jinghad li Buttigieg jghid li huwa jistenna li persuna titghallem xogholha sew fi zmien tliet gimghat. Din il-pretensjoni xejn mhi gustifikata. Kieku kien hekk ma kienx ikun hemm probation ta' 6 xhur: dawk ix-xhur huma intizi li jippermettu lill-princiapal jara jekk il-haddiem gdid

huwiex ser jidra jaghmel xogholu sewwa. It-Tribunal hu propens jemmen lir-rikorrenti li kienu isirulha botti fis-sens li l-kwalifiki taghha ma jiswew xejn: hija tendenza ta' hafna haddiema li jhossuhom mhedda minn impjegati godda li jkollhom kwalifiki oghola minn taghhom, u jizvugaw b'dak il-mod. Din hija attitudni deplorevoli, u verament tista' taqa' taht il-kappa ta' "fastidju." Jekk wiehed jara r-rapport tal-Bord investigattiv, it-tliet haddiema imsemmija spiccaw jattakkaw lir-rikorrent, sahansitra jghidu li l-anqas kienet kapaci zzomm box-file, tant li waqaghlha fl-art. Kollha jilmentaw kemm ir-rikorrenti ddum biex titghallem, pero' dan l-ilment ko-ordinat bejn dawn it-tliet haddiema ma jistax jitqies gustifikat fil-konfront ta' haddiema li dahlet ftit gimghat qabel. Jidher li dan l-attakk gie koordinat biex jiggustifika t-tendenza tas-sur Buttigieg li "jitlaghlu" kull meta r-rikorrenti kienet tiehu zball. Verament ir-responsabbilta' li kellu s-sur Buttigieg setghet poggietu taht pressjoni u zbalja, pero l-impjegati l-ohra ma kellhomx ghalfejn jinfexxu f'attakki trivjali kontra r-rikorrenti.

Dan it-Tribunal ihoss li s-Sur Buttigieg qabez xi ftit il-limitu meta ppretenda li r-rikorrenti titghallem fi tliet gimghat, u ghax ma ghamlitx dan beda jitlef il-pacenzja. U z-zewg haddiema l-ohra ma kienux korretti meta ppruvaw jghattu dan billi spiccaw jattakkaw lir-rikorrenti. Pero' kollox ma' kollox il-kullegg intimat ma kienx jahti ghan-nuqqasijiet ta' dawn l-individwi. Ara kieku r-rikorrenti ilmentat qabel ma rrizenjat, is-sitwazzjoni kienet tkun mod iehor. Pero' hawnhekk it-Trinunal ma jistax ma josservax li l-Bord ma mexiex korrett meta sema lix-xhieda mhux fil-prezenza tar-rikorrenti. Aghar minn hekk ir-rikorrenti ma kienet mgharrfa xejn x'hareg mix-xhieda, u anqas kellha l-opportunita' tirrispondi ghal dak li qalu dawk ix-xhieda. Is-sur Buttigieg qara x-xhieda kollha moghtija f'dan il-kaz u gie jirrispondi ghaliha, mentri r-rikorrenti ma kienet taf xejn x'intqal fuqha f'dak il-Bord.

F'dawn ic-cirkostanzi jigi konkluz li r-rikkorrenti, fil-waqt li kellha tendenza tiehu l-attitudni tal-ohrajn b'mod negattiv, verament sofriet attitudni wisq goffa da parti tas-sur Josef Buttigieg, pero' hija ma lmentatx mal-kullegg intimat

dwar dan qabel ma rrizenjat mix-xoghol. Ghalhek il-kullegg intimat ma jsitax jinstab hati ta' nuqqas f'dan ir-rigward. Pero ghandu jinghad li l-procedura operata mill-kullegg intimat ma kinitx tirrispetta l-kuncett tas-smiegh gust, in kwantu r-rikorrenti ma inghatatx l-opportunita tirribatti l-akkuzi li saru kontra taghha meta suppost kien qed jigi investigat is-sur Buttigieg. Peress li kif inghad ir-rikorrenti kienet fuq probation u mhemmx lok ghal li tigi impjegata mill-gdid, kwalunkwe pass li l-Bord seta' ha kontra s-sur Buttigieg ma kienx ser jaffettwa lir-rikorrenti.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi li l-kullegg intimat naqas biss meta ma tax smiegh gust fil-Bord investigattiv, pero' dan sehh wara li l-impieg tal-intimata kien mitmum u ma kienx hemm lok li hija tigi impjegata mill-gdid. Kwalunkwe pass li seta' ittiehed (u kellu jittiehed) kontra Josef Buttigieg ma kien ser ikun ta' ebda beneficju ghar-rikorrenti. Jigi konkluz ukoll li ma saret ebda vittimizzazzjoni kif kontemplat fil-ligi relattiva, u li kwalunkwe fastidju li setghet inghatat ir-rikorrenti minn Josef Buttigieg ma jistax jirrispondi ghalih il-kullegg intimat. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghal rimedju ma tistax tintalqa'. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman